# L-Erba' Aħwa Sapiano u L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija

Nistgħu nxebbħu s-Soċjeta tagħna ma' siġra u l-għeruq tagħha mal-membri u bandisti, aktar ma l-għeruq huma fil-fond u mifruxin aktar is-siġra hija b'saħħita u aktar tagħti frott. Dan li qegħdin nagħmlu fir-riċerka tagħna, infittxu dawn l-għeruq ta' din is-siġra - l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Waqt li tkun għaddej fil-ġbir ta' informazzjoni fuq dawn l-individwi li tassew jixirqilhom kull rispett u tifħir, aktar tħoss il-ħtieġa u dover biex tkompli bil-ħidma tiegħek. Dan ma tistax tagħmlu jekk mhux bl-għajnuna tal-familji tagħhom. Illum għaddew 124 sena, ħafna minn dawn tista' tgħid intesew għal kollox li mhux għal koperazzjoni li nsibu mill-familji tagħhom li jgħaddulna ritratti u informazzjoni, kieku żgur li dan it-tagħrif ma jinġabarx.

L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija li mit-twaqqif tagħha dejjem kienet imżejna u mogħnija b'membri u bandisti ntellettwali, mill-fundatur u l-ewwel President is-Sur Ġużeppi Micallef, spettur sanitarju il-Belt Valletta, bl-ewwel Segretarju u Kaxxier l-istudenti żgħażagħ Universitarji, Franġisku Schembri segretarju, li wara gradwa Nutar u Giacomo Baldacchino, kaxxier li ukoll igradwa fil-prattika ta' tabib.

Dawn flimkien mal-membri l-oħra tal-Kumitat ġabru magħhom l-aktar żgħażagħ intelliġenti ġo Ħal Luqa. Hekk sejħitilhom il-Gazzetta MALTA tat-3 ta' Settembru 1884 – 'Il-Banda Sant Andrija tħaddan l-aktar sittax-il-bandist żgħżugħ intelliġenti ġo Ħal Luqa'. Il-livel għoli li s-Soċjeta' tagħna tul dawn il-124 sena mit-twaqqif tagħha dejjem gawdiet, huwa dovut għal dawn il-membri u bandisti li tul iż-żminijiet mhux biss għamlu ġieħ lis-Soċjeta' tagħna imma wkoll lil raħal twelidhom u 'l pajjiżna. Membri li waslu biex jokkupaw karigi ta' importanza f'intrapriżi privati u fiċ-ċivil, saħansitra kien hemm min wasal sa l-ogħla istituzzjonijiet tal-pajjiż, membri fil-parlament u oħrajn li l-ħila tagħhom tidher f'isimhom. Bandisti ta' kalibru għoli, dejjem imfittxija biex jagħtu s-servizzi ma' l-aqwa baned ta' Malta, oħrajn li komplew l-istudji tagħhom fil-muzika biex saru surmastrijiet ta' baned bi prestiġju kbir fil-gżejjer Maltin.

F'din is-seba' sensiela ta' dawn l-artikli se nfakkru u nagħtu tagħrif fuq erba' aħwa, Mikiel, Alfonso, Gian Andrea u Ġużeppi Sapiano. Bandist fost l-aktar żgħażagħ intelliġenti ġo Ħal Luqa, u mill-ewlenin mal-Banda Sant' Andrija. Ulied Bascal Sapiano li jiġi t-tifel tal-famuz arluġġar Mikelangelo Sapiano u ommhom Andreana mwielda Schembri minn Ħal Luqa. Huma kellhom sitt ulied, Felica, Carmelo, Mikiel, Alfonso, Gian Andrea u Ġużeppi.

**Felica Sapiano**
Felica żżewġet lil Toni Cutajar mis-Siġġiewi u kellhom tifla li semmewha Ġuża.



1901 l-familja ta' Mikiel Sapiano. Il-Mara Nikolina bit-tarbija f'idejha Emma, Mikiel Sapiano, fin-nofs Andreana, Ermelinda u Costanzo



Ġużeppi Sapiano it-tifel ta Mikiel Sapiano



Lista dei Soci dal 1mo Aprile al 31 Dicembre 1898.

1 Michele Sapiano
2 Carmelo Fenech
3 Andrea Fenech
4 Angelo Fiott
5 Salvatore Tonna
6 Francesco Schembri
7 Carmelo Tonna
8 Gio: Andrea Sapiano
9 Raffaele Agius
10 Piet... [illegible]

Lista ta' soċi u bandisti tal-1898 li tinsab fl-arkivju tal-Każin. L-ewwel isem hu ta' Mikiel Sapiano u aktar l-isfel insibu lil ħuħ Ġian Andrea Sapiano

**Carmelo Sapiano**
Carmelo Sapiano kien wieħed mill-fundaturi tal-M.U.S.E.U.M f'Ħal Luqa. Bniedem ta' dehen fil-lingwa Taljana. Dan kien novizz Kappuċċin iżda l-volonta t'Alla urietu triq oħra.

**Mikiel Sapiano**
Mikiel l-Arluġġar kif kien isibu missieru Bascal, arluġġar ta' fama u nannuh il-magħruf arluġġar Mikelangelo Sapiano. Twieled Ħal Luqa fil-5 t'Ottubru 1869 u ġie mgħammed Ħal Luqa fid-9 t'Ottubru. Wara li spiċċa l-iskola Primarja daħal id-'Dockyard' fit-taqsima ta' l-inġinerija. Mikiel Sapiano tgħallem u ħareġ idoqq il-klarinett ma' l-ewwel sittax-il bandist żagħżugħ li bihom ġiet iffurmata l-Banda mill-fundatur Ġużeppi Micallef u sħabu fl-1883. Fl-ewwel żminijiet Mikiel mhux biss kien attiv fil-banda bħala bandist imma ukoll f'attivitajiet rikrejattivi li kienu jiġu organizzati mill-Każin.

Attività ferm popolari f'dawn is-snin kien it-teatrin. Il-kitba ta' dawn id-drammi u fares, li ħafna minnhom kienu jinkitbu mill-membri, fosthom dan Mikiel li kien awtur ta' ħafna minnhom. Huwa żżewweġ lil Nicolina mwielda Grech mis-Siġġiewi. Wara li żżewweġ mar joqgħod pjazza Sant' Andrija f'dar mal-ħanut ta' Marian iż-Żurriqija u maġenb l-istatwa ta' Sant' Andrija. Illum minn dawn ma baqa' xejn billi twaqqgħu biex infetħet Triq Dun Pawl. Wara mar joqgħod Triq San Ġużepp. Huma kellhom ħames ulied Costanzo, Ermilinda, Emma, Andreana u Ġużeppi.

Costanzo għalliem fil-Liċeo żżewweġ lil Lucia Cremona bint Gio Patist Cremona membru fl-ewwel kumitat amministrattiv biex twaqqfet l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija, ommha Cristina mwielda Micallef hija oħt il-fundatur u l-ewwel President ta' din is-Soċjeta Ġużeppi Micallef. Wieħed minn uliedhom huwa l-magħruf tenur Andrew Sapiano. Ermilinda żżewġet lil Ġorġ Caruana li għamel żmien twil segretarju tas-Soċjeta' u dan kien l-ewwel deputat parlamentari li ġie elett minn Ħal Luqa.

Emma ngħaqdet fiż-żwieġ ma' Noe' Ciappara li wkoll għamel żmien fil-Kumitat bħala Assistant Kaxxier. Andreana mietet xebba.

Ġużeppi kompla fuq il-passi ta' missieru u ta' eta' żgħira tgħallem il-mużika fi ħdan is-Soċjeta Filarmonika San Andrea u ħareġ idoqq il-klarinett mal-banda. Huwa żżewweġ lil Vincenza Zammit u kellhom erbgħat itfal, Joseph, Carmel, Andrew u Maria. Joseph laħaq avukat u serva għal żmien twil bħala konsulent legali tas-Soċjeta'. Il-ħidma tiegħu ġiet rikonoxxuta fil-laqgħq ġenerali tal-2004 meta ġie maħtur b'vot unanimu Membru Onorarju tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija.

Wara li spiċċa mid-'Dockyard' Mikiel Sapiano fetaħ ħanut id-dar tiegħu l-pjazza u kompla bit-tradizzjoni ta' missieru u nannuh fil-mistier tat-tiswija u bini ta' l-arloġġi.

Huwa miet fit-30 ta' Lulju 1943 u ġie mid-fun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa. Mikiel barra l-imħabba kbira li kellu lejn il-familja u s-Soċjeta' kien devot kbir tal-protettur tagħna Sant' Andrija. Dan jixdu l-poeżiji li kien jikteb għad unur dan il-Qaddis, waħda minn dawn qegħdin nip-publikawa għall-ewwel darba.

*Ħajr:*
Il-Kumitat ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija jirringrazzja lill-Avukat Joseph Sapiano għar-ritratt u informazzjoni u l-poeżija fuq il-familja ta' Bascal u Andreana Sapiano, għall- impenn personali biex dan it-tagħrif seta' jitwassal lilkom.

Ringrazzjament lil Ġuża Cutajar it-tifla ta' Felica mwielda Sapiano.

# LIL APPOSTLU ANDREA MKADDES

## FIL JUM TAL FESTA TIGĦOU

LI BI CBIRA POMPA ISSIR FIL CHNISIA PARROCCHIALI

*TA ĦAL-LUCA*

***FIT 30 TA NOVEMBRU 1912***

Jech f' edan il jum mkaddes
Trit bil ferħ li kalbec tfur?
Hares ftit lein dac ix-Xuejjaħ,
L' inti ħtart bi protettur.

Lein Andrea; irrid ngħejt jena,
Li f' edan il jum sabieħ
Bil uisk jixrak tħoll ilsienec
U tifħir int tmur tatieħ.

Jech ma tafx min Hu Andrea
X' sejf u tarca Hu għalic?
Curaġġ għamel, kauui 'l fdi,
Imxi migħei dlonc nuric.

Hares leiħ hem ma Giovanni
Fil Giordan: collu mħabba
Fil kalb Tigħou ħrara cbira,
Ghal Gesù kgħeda titrabba.

Eccu chif, min fomm Giovanni
Hua jsma il chelmiet;
« Dana Hu il Haruf t' Alla
Li ineħħi id-dnubiet. »

Haun int tilmaħ lil Andrea
Min għair xein ma jimpurtaħ
Giria uaħda, 'l Gesù jilħak,
Haun cuntent inti taraħ.

F' dau il kasam ta Mgħalmu
Jibda juri ix-xgħol Tigħou
Haun taraħ bi ħleuua cbira
Lil Huħ Xmuni jigbed migħou.

Jech int tara dich il ħrara,
Li gio kalbu tħaġġeġ bdiet,
Fieħ issib leuħel colonna
Illi fuka 'l Chnisia nbniet.

Hares leiħ hemm gio l' Epiro
L' Asia colla u f' bosta bliet,
Inti tara il kauua Tigħou
Katt ma tonkos, ma tizdiet.

Dejjem jgħallem katt ma jeħda
Folol cbar mdaurin migħou,
Lilu tara xbia vera
Ta Gesù Mgħallem tigħou.

Uara bosta xgħol u giri
Għal Acaja isib it-triek.
Għaliex hem chellu sa fl' aħħar
Isib dac li chien jixtiek.

Hares leiħ kuddiem Egea,
Dac il bniedem xellerat
Għas-Salib; għax uera is-seuua
Minnu jigi cundannat.

X' taħseb katt Andrea jgħamel
Xħein f'dan collu ruhu isib?
Hares leiħ b' liema mħabba
Migħou ħaddan is-Salib.

Sliem għalic; imur igħeidlu
Uakt li migħou jistringieħ,
Chem għalic ili nitnigħed
Uakt li beus imur jatiħ.

Fis-Salib araħ mdendel
Jumein sħaħ; fl' acbar tbatia,
Sachem fl' aħħar Lilu tgħatti
Sħaba cbira colla dia.

Spicciat issa cull tbatia
Għal Andrea gei is-serħ
U haun tara l' angli tilka
L' ir-ruħ Tigħou bi cbir ferħ.

Gisem baka; ma biex l' għadu
Ma icunx jista juri killa
Haun taraħ bi cbira kima
Hsiebu tieħu Maximilla.

Xi tgħeid issa, ma tħosx forsi?
Bil ferħ kalbec trid ittir?
Ma tħossocx li trit tesclama
O Andrea! chem Int cbir!

M. Sapiano.

Nihil obstat Die 4 Nov. 1912
I. Can. Formosa
*Cens. Theol.*

Poeżija ta' Mikiel Sapiano miktuba fis-sena 1912 b' imħabba kbira lejn Sant' Andrija

*Refrenzi:*
Arkivju tal-Parroċċa – Ħal Luqa
75 il-M.U.S.E.U.M f'ħal Luqa 1912 – 1987
Ktieb tal-Kaxxier Għaqda Mużikali Sant' Andrija – 1898

**Alfonso Sapiano**

Twieled Ħal Luqa fit-30 ta' Frar 1877. Minn ċkunitu studja u tgħallem il-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Hareġ idoqq il-klarinett mal-Banda flimkien ma' ħutu. Kien wieħed mill-ewlenin u baqa' jagħti l-kontribut tiegħu sakemm mar jgħix f'raħal ieħor. Kien jaħdem bħala 'foreman' fl-'Army Ordinance'. Fil-5 ta' Frar 1910 iżżewweġ għand familja stilliera lil Concetta Azzoppardi 'Ta' Datu'. Concetta kellha erba' ħutha oħra, Rosanna u s-subien Carmelo, Anġlu u Indri, bandisti u benefatturi tas-Soċjetà.

Carmelo kien idoqq il-klarinett, wara laħaq surġent tal-pulizija. Anġlu u Indri issiebħu fl-Orkestra bil-vjolin, kienu joqgħod u fi Triq Sant' Andrija u kellhom fabbrika tal-luminata.

Alfonso u Concetta kellhom tmien ulied, Ġużeppi, Carmena, Rita, Sammy, Ninu, Aligo u Ronnie. Ninu tgħallem il-mużika mingħand missieru. Hu kien idoqq il-klarinett.

Carmena tiġi n-nanna tal-magħrufa attriċi u preżentatriċi Iline Montesin.

L-imħabba li kellu fil-kultura u l-arti mużikali li ssawret ġo fih, ħadha miegħu l-Imsida fejn mar joqgħod mal-familja. Id-dar wara l-ħin tax-xogħol beda jgħallem il-mużika. Kemm-il darba ġie avviċinat mill-kumitat tal-Banda Melita ta' l-Imsida sabiex imur jgħallem il-mużika l-każin, dejjem rrifjuta peress li għalih il-familja kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox. Kien bniedem tal-ġabra u ma jħobbx jidher. Qalulna li ritratt tiegħu qatt ma ried jieħdu. Alfonso kellu devozzjoni kbira lejn Sant' Andrija. Ta' kull sena fil-festa ta' Sant Andrija għarah ġej Ħal Luqa għand il-familjari u jagħti titwila l-Każin. Alfonso ħalla din id-dinja d-dar tiegħu, 72 Triq il-Knisja l-Imsida fl-eta ta' 61 sena. Huwa



Anġlu, Andrea, u Carmel Azzopardi (Ta Datu) bandisti ma' l-Għadqa Mużikali Sant' Andrija, ħut Konċetta Azzopardi mart Alfonso Sapiano.

## LIL CBIR MARTRI TAL CHNISIA MKADSA L'APPOSTLU

# SANT'ANDREA

LI FIL CHNISIA TA HAL-LUKA, B'POMPA CÈIRA
ISSIR IL FESTA TIGHAU

# FL'1 TA DICEMBRU 1924

Jum ta ferh u jum ta hena
Jum ta cbira allegria
Jum ta festa l'izied cbira
Ta l'Appostlu Sant'Andria

Jum sabieh u jum li 'ferrah
Bil uisk lilna Hallukin
Illi festa cbira naghmlu
Ta dan 'l missier Hanin

Cull Halluki f'dil giurnata
Igheid li ghandu cbir unur
Li taht it-trigia kighed
Ta dan 'l cbir protettur

Protettur tghana Andrea
Ridna nghamlu bi cbir ferh
Biex da'cun consulazioni
U ta kalbna l'icbar serh

Hecc dar-rahal sbeijah tghana
Fis giè lilu 'dedicat
Fein cull sena fdi 'l giurnata
Bil uisk jigi onorat

Geuua it-tempiu mkaddes t'Alla
Fein armat sollennement
Lil Andrea 'nmorru nfahhru
Hemm cull hein u cull mumert

Ghal daksech o cbir Andrea
Biex il kalb tghana nuruc
Fomna nifthu lsielna nhollu
Bl,ghola mhabba infahhruc

Inti iva cbir Appostlu
Min tghana cbir difensur
Accettait u sirt bil ferha
Ta Hal-Luka il Protettur

Leuuel uiehed mill'Appostli
Bosta nies icconverteit
Fein it-triek tas-salvazioni
Int b'tghalimec mort ureit

Fl'Acaja u f'bosta bliet ohra
Tekred il mishut daub ridt
Krit il hazen collu tahhom
Levangeliu mort xerridt

Cull fein mort o cbir Andrea
Dejjem gid uraic halleit
Tkred bis ridt int il hazen
Ittajjeb dejjem gholleit

Uara hajja sbeiha 'tuila
Int il paci ridt issib
Bhal Gesú ridt itemm haitec
Fik il ghouda tas-salib

B'daun il erbgha versi cheiena
Jen nispiccia it-tifhir tighai
Fihharnett nitlobcom tgheidu
Din it-talba zgheira mighai

Ta int o cbir ANDREA
Ftacar fina 'ulied min tighec
Itlob int dejjem ghalina
U fil genna hudna mighec.

G. SAPIANO

Nihil Obstat Die 15 Nov. 1924 Isid. Can. Formosa, Cen. Theol.

Poeżija ta' Gużeppi Sapiano miktuba fl-1924 għad unur l-Appostlu Sant' Andrija

midfun fil-Knisja Parrokjali ta' Ħal Luqa.

*Ħajr:*
Nirringrazzja lil Marian Schembri imwielda Sapiano t-tifla ta' Alfonso Sapiano u lil Melania Montesin in-neputija ta' Alfonso għall-informazzjoni li għoġobhom jgħaddulna.

*Referenzi:*
Arkivju tal-Parroċċa – Ħal Luqa

**Ġużeppi Sapiano**
Kull soċjeta hija amministrata minn kumitat b'membri lesti jerfgħu r-responsabbilta li ġġib magħha kariga, ħalli s-Soċjeta' titmexxa 'l quddiem. Ġużeppi Sapiano kien wieħed minn dawn il-membri. Twieled Ħal Luqa fit-8 ta' Ottubru 1882. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja, wara kompla l-istudji fid-'Dockyard School' u wara daħal jaħdem it-tarzna. Ta' eta' żgħira ispirat minn ħutu beda jitgħallem il-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija fejn ħareġ idoqq il-klarinett mal-banda. Ta' żagħżugħ intelliġenti li kien u mimli enerġija beda jieħu interess fl-amministrazzjoni tas-Soċjetà. Daħal fil-kumitat, ġie elett fil-kariga importanti ta' Segretarju li wettaq b'mod impenjattiv. Fit-terminu tiegħu ta' segretarju fl-1905 ħa l-inizjattiva sabiex isir inventarju ta' oġġetti propjeta ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Dan l-inventarju li hu uniku fix-xorta tiegħu jagħtina ħjiel x'kienet tipposjedi s-Soċjeta' tagħna aktar minn mitt sena ilu. Illum dan l-inventarju jinsab merfugħ b'għożża fl-arkivji tas-Soċjeta'.

Teatrin
F'dawk iż-żminijiet ftit li xejn kien hawn fejn wieħed jiddeverti. It-teatrin ġo pajjiżna beda jikseb popolarita. In-nies ta' l-irħula bdew isibu fih mezz ta' divertiment. Il-Każin ma baqax lura biex waħda minn l-attivitajiet li kien jorganizza għal rikreazzjoni tal-membri ikun it-teatrin. Dan kien isir fis-sala tal-Każin u organizzat mill-membri fl-1905 fuq proposta fil-kumitat ta' Ġużeppi Sapiano. Ġie deċiż li titwaqqaf



Il-bniet li għamlu il-praċett fit-23 ta' Marzu 1915 fil-preżenza tal-Kappillan Dun Anton Vella, u Dun Ġorġ Sapiano. Fin-nofs bil-qegħda naraw lil Erminia Sapiano bint Ġużeppi, in-nepputija ta' Dun Ġorġ Sapiano.


Casin "San Andrea"
Teatrino La Stella
Lista dei Dilettanti del Teatrino
Giuseppe Sapiano Direttor
Giuseppe Saliba 1
Angelo Fiott 2
Mosè Zammit 3

Membri Del Comitato
1905
Presidente
Gio. Francesco Micallef
Segretario Cassiere
Giuseppe Sapiano Giuseppe Saliba

Deputati
I Salvatore Micallef III Mosè Zammit
II Angelo Fiott IV Carmelo Fenech
V Andrea Spiteri VI Pietro Micallef
VII Andrea Micallef
Ass.t Cassier
Pietro Spiteri




Xena għall-palk
tat-teatrin kif
iddisinjata
mis-soċju
Salvu Micallef

kumpanija tat-teatrin bl-isem 'La Stella' bl-ewwel direttur ikun l-istess Ġużeppi Sapiano. Fi ħdan il-kumpanija kien hemm xejn anqas minn 21 żgħżugħ membri tas-Soċjetà. Ġużeppi mhux biss kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju u direttur tat-teatrin iżda it-talent li kellu wasslu biex jibda jikteb id-drammi u jirreċta fihom.

Huwa żżewweġ li Ġorġina mwielda Galea mill-Belt u kellhom tlett ulied, Ugo, Egidio u Erminia. Wara ż-żwieġ il-koppja kienet toqgħod Ħal Luqa, aktar tard marru joqgħodu l-Belt. Għalkemm bogħod mir-raħal il-passjoni lejn il-mużika u l-imħabba lejn Sant' Andrija żammewh impenjat fil-Każin. Tant li l-aħħar snin ta' ħajtu ġie joqgħod Ħal Luqa fejn miet nhar l-20 ta' Settembru 1943 fid-dar numru 14, Strada Brittanika u ġie midfun fil-qabar tal-familja, sec 52, fiċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa.

*Ħajr:*
Lil Ċensina u Carmena Micallef neputijiet ta' Ġużeppi Sapiano

*Referenzi:*
Arkivju tal-Parroċċa - Ħal Luqa
Kotba tas-Segretaju u l-Kaxxier 1905 - Għaqda Mużikali Sant' Andrija

**Gian Andrea Sapiano**
Kien soċju u bandist fost l-erba' aħwa Sapiano. Gian Andrea jixraq li jiġi mfakkar għax mhux biss għamel ġieħ lill-Għaqda Mużikali Sant' Andrija iżda wkoll lil raħal twelidu.

Gian Andrea Sapiano twieled Ħal Luqa nhar l-4 ta' Frar 1879. Sapiano kien imrobbi f' familja intelletwali u jħobbu l-arti mużikali. F'dan l-ambjent minn tfulitu beda jitgħallem il-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Wara li spiċċa l-istudji fit-teorija ħareġ jdoqq il-klarinett fejn kompla bil-kwartin. Flimkien ma' ħutu kien jagħmel parti mill-ewwel bandisti li kellha l-banda fl-ewwel żminijiet tagħha. Bħala żagħżugħ intelliġenti nsibu li kien inklinat għall-istudji. Għadda l-iskola elementari u sekondarja fejn kompla bl-istudji u għamel l-eżamijiet meħtieġa biex sar għalliem. Sapiano kien fost l-ewwel għalliema li fl-1901 intbagħat kors ta' taħriġ fl-Ingilterra biex eventwalment sar surmast. Fl-1907 kien surmast ta' l-iskola ta' l-Imsida, wara fl-1911 nsibuh surmast ta' l-iskola f' Ħal Lija. Aktar tard laħaq spettur ta' l-iskejjel.

Ta' interess huwa li fl-1907 meta Gian Andrea kien surmast ta' l-Imsida għamel talba lill-kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija biex jissellef żewġ ġakkettini tat-teatrin biex jintużaw waqt rappreżentazzjoni tat-teatrin fl-iskola ta' l-Imsida.

F' Ħal Luqa llum hawn anzjani li għadhom jiftakru lil Sapiano bħala spettur ta' l-iskejjel. Fi żmienu l-ispettur kien wieħed, u kien t-tieni fil-ġerarkija ta' l-iskejjel Primarji. Huwa żżewweġ lil Gorġina imwielda Zarb Adami. Wara ż-żwieġ, il-koppja Sapiano marret toqgħod f'Raħal Ġdid. Huma kellhom żewġ ulied, lil Maria u Ġużeppi. Maria mietet xebba u Ġużeppi sar qassis u wara Monsinjur. Mons Ġużeppi Sapiano kien ukoll Professur l-Università ta' Malta.

Il-mara tiegħu Ġiorġina mietet ta' eta' żgħira. Fil-11 ta' Frar 1920 żżewweġ għat-tieni darba lil Theresa li tiġi oħt Ġiorġina u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla li semmewha Carmena. Carmena kompliet fuq il-passi ta' missiera fl-edukazzjoni fejn saret għalliema.

Tajjeb li f'dan l-artiklu nippublikaw x'kitbilna fuq missieru fis-sena 1978 Mons. Ġużeppi Sapiano:

"*Il-papà tiegħi Ġian Andrea twieled u trabba Ħal Luqa minn ġenituri Ħal Luqin.*



Ritratt storiku, **Ġian Andrea Sapiano** bilqegħda fin-nofs bħala d-direttur ta' l-Edukazzjoni fis-*Central School,* dak iż-żmien f'Ħal Tarxien, flimkien ma' l-istudenti li kienu qed isegwu l-kors ta' l-għalliema fis-sena 1926. Interessanti li sitta minn dawn l-istudenti huma minn Ħal Luqa.

*L-ewwel filliera bil-wieqfa, mix-xellug;*

*L-ewwel;* **Ġużeppi Penza** li wara sar surmast f' bosta skejjel, fosthom dik ta' Ħal Luqa fl-1940. Fil-gwerra s-surmast Penza nħatar Assistant Kummissarju Distrettwali.

*It-tieni;* **Ms. Vincenza Buhagiar** wara saret għalliema fl-iskola ta' Ħal Luqa fejn baqgħet tgħallem sa ma rtirat bl-eta.

*It-tielet;* **Ms. Katerina Camilleri** li bħal Ms. Buhagiar saret għalliema fl-iskola ta' Ħal Luqa fejn baqgħet sa ma rtirat.

*Ir-raba' filliera bil-wieqfa, mix-xellug;*

*L-ewwel;* **Ms. Mariann Zammit** li saret għalliema fl-iskola ta' Ħal Luqa, iżżewġet lil Carmelo Spiteri.

*It-tielet;* **Ms. Filomena Cutajar** wkoll saret għalliema fl-iskola ta' Ħal Luqa, iżżewġet lil Ġakbu Ciappara. It-tifla tagħha, Tessie miżżewġa Farrugia għoġobha tislifna dan ir-ritratt u tagħtina l-informazzjoni fuqu.

*Ir-raba';* **Ms Maria Tereza Mallia** saret hi wkoll għalliema fl-iskola ta' Ħal Luqa. Hija żżewġet Vassallo minn tas-Sliema.

Ħafna llum anzjani, għadhom jiftakruhom lil dawn l-għalliema li b'dedikazzjoni u sagrifiċċju iddedikaw parti minn ħajjithom għat-tagħlim ta' ulied il-Ħalluqin, kif ukoll lil Ġian Andrea Sapiano, bħal l-Ispettur ta' l-Iskejjel.



Ġian Andrea Sapiano



3 giugno 1907

L'ordni id-data il Cumitat
rikef zewg giacchettuni tat-teatrin
lis-Surmast G. A. Sapiano biex
jati rappresentazzjoni tat-teatrin
fl'iscola tal' Misida

Kopja mill-minuti tas-Seduta tal-Kumitat Ġunju 1907 fejn ġiet approvata it-talba ta' Gian Andrea Sapiano, sabiex jissellef xi ħwejjeġ tat-teatrin

LIL GLORIUS APPOSTLU

# SANT'ANDRIA

**GHAL NHAR IL FESTA TIGHOU**

*LI BI CBIR FERH U POMPA ISSIR*

**FIL CNISIA PARROCCHIALI TA HAL-LUKA**

*FIT 30 TA NOVEMBRU TAL 1899.*

---

*TIFHIR*

Hal-Lukin, nifthu 'l fomm tghana;
Tifħir natu 'l Sant' Andria,
Minn tal Cnisia leuuel Gebla,
Daul il Fidi Nisranïa.

Cull fein Lilu aħna nfittxu
Leuuel uieħed insibuħ ;
Xierak uisk mela li nifthu
Il fomm tghana, u nfaħħruħ.

Ghad-dutrina tal Battista
Hua collox uaraih halla;
U chif sama lil Giovanni
Igheid: «Eccu 'l Haruf t'Alla, »

Fost chemm nies chien hemm miġmugha,
Leuuel uieħed Lilu 's-seguita,
Bla xein baża li tal ghadu
Lilu 'l hażen jipperseguita.

Gesù mghaxxak b'din il ħrara,
Lill Andrea gibed mighou;
U f'leil shich li mighou ghadda,
Mar jurieħ is-setgha Tighou.

U min jista katt ifisser
X'ħass Andrea f'dac il hin,
Xi cbir ferħ x'hin chien jitchellem
Mal Feddei minn tal bnedmin?

Haun Andrea compla cattar
Tighou 'l ħrara, u kalbieni
Bosta nies lein il Messia
Mar Hu jiġbed, collu hieni,

Lill Messía dejjem fettex;
Mighou kghad cull uakt cull hin:
U Gesù bieħ uisk imghax-xak
Sajjed ghamlu tal bnedmin,

B'curag cbir Andrea mżejjen
Kgħad jistenna bi cbir ferħ,
Dac iz-zmien, li ghala 'l Fidi
Jaħdem jista fieħ bla serħ.

Iz-zmien uasal : Ruħ il Kodos
Nizel fuk it-tnax Maħtura,
Fil uakt illi fic-Cenàclu
Dauna chienu 'lcoll miġbura.

Lill Andrea hauna nilmħu
B'gherf mzejjen, b'zelu cbir,
Mic-Cenàclu b'curag joħrog
Sabiex jilħak Tighou 'd-dmir.

Hemm fi Tracia, Scizia, Etiopia,
Geuua l'Asia colla gera ;
Tríek il għadu mar iħassar,
Triek is-Sema 'l midneb uera.

Collu ħleuua mar ixerred
It-tghalim minn tal Haruf ;
U min-nies li Lilu semghou,
Jiccunverti mar l'eluf.

Sa chemm flaħħar hemm fl'Acaja
F'Salib mdendel, chif chien xtiek,
Jumein sħaħ baka Hu juri
Minn tal Genna 'l vera triek.

Fis immela lsienna nħollu
Sabiex natu cull tifħir
Lill Andrea Missier tghana,
Cbir Appostlu, Kaddis cbir.

Protettur kauui min tghana
Gloria natu l'isem Tighec,
Sa chemm b'talbec jirnexxilna
Li fil Genna ngiu mighec.

Bl'approvazioni tal Cnisia-

G. A. Sapiano

Kopja mill-originali tal-poeżija ta' Ġian Andrea Sapiano li kiteb fis-sena 1899 għad unur Sant' Andrija

*Kiteb din il-poeżija meta kellu biss għoxrin sena. Naħseb li kitibha biex titqassam mill-Banda Sant' Andrija. Naf li minn tfulitu kien jidħol fil-Każin ta' l-istilla fejn ħuh il-kbir, Mikiel, kien idoqq il-klarinett; u fejn aktar tard huwa stess u żewġ ħutu oħra, Fonzu u Ġużeppi bdew idoqqu l-istess strument. Naf ukoll li z-ziju Mikiel kiteb xi drammi għat-teatrin tal-Każin; u naħseb li l-papa' tiegħi għenu mhux ftit; iz-ziju Ġużeppi kien jirreċta. Sa fejn naf jien, il-papa' ma baqax midħla tal-Każin meta, f'Settembru tal-1901 mar kors ta' sentejn f'Londra biex isir 'Headmaster', meta żżewweġ fil-1906, huwa telaq minn Ħal Luqa. B'danakollu baqa' dejjem iħobb lil Ħal Luqa, fejn ried jindifen, u l-Banda Sant' Andrija għalkemm dejjem xtaq ħafna li bejn iż-żewġ baned ta' Ħal Luqa dejjem ikun hemm ftehim tal-aħwa u koperazzjoni sħiħa. U fiż-żewġ baned kellu ħbieb kbar."*

Avolja Gian Andrea mar joqgħod barra mir-raħal u minkejja r-responsabilta u l-impenn li kien jirrikjedi x-xogħol tiegħu, xorta baqgħet għal qalbu l-banda u l-patrun tagħha, l-Appostlu Sant' Andrija. Xhieda ta' dan huma il-poeżiji li kiteb għad unur ta' dan il-qaddis. Poeżija minn dawn miktuba minn Sapiano għall-festa titulari ta' l-1899 li qegħdin nippublikaw turi l-imħabba kbira li kellu lejn dan il-qaddis.

Gian Andrea Sapiano miet fl-20 ta' Frar 1952, f' Raħal Ġdid f'eta ta' 72 sena u midfun f'qabar tiegħu fiċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa Sezzjoni B20.

*Nota:*

*Tajjeb li bħalma qegħdin nfakkru lil din il-persuna f'dan il-programm tal-festa, ikun xieraq li l-awtoritajiet civili b'xi mod ifakkru lil din il-persuna sabiex isib postu fl-istorja ta' Ħal Luqa.*

*ħajr:*
Lil Carmena Sapiano li tiġi t-tifla ta' Gian Andrea.
Lil Tessie Farruġia li għoġobha tislifna r-ritratt ta' Gian Andrea Sapiano flimkien ma' l-istudenti ta' 'Central School'.

*Referenzi:*
Ktieb tal-kaxxier - Għaqda Mużikali Sant' Andrija 1898
Ktieb tas-Segretarju - Għaqda Mużikali Sant' Andrija 1907
Arkivju tal-Parroċċa
Itra tal-Professur Mons. Ġużeppi Sapiano 1978

**George Bondin**

**Copy Quick**
57, Cospicua Road Paola
(Triq Bormla)
Tel / Fax 21 821 527
Mob. 9946 7621
**Photocopy Bureau & Stationers**
**PHOTOCOPIES FROM 1c**
**Student Smart Card Accepted**
**Black & Colour Photocopies, Binding,**
**Plastic lamination, Rubber Stamps and Film Developing.**
*Open between 07.30 - 12.00 & 13.00 - 18.00*